# MALTA
# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA
## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN

**Rikors Nru: 3/2016MH**

**Illum 3 ta' Frar, 2016**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Engin u Rita (konjugi) Turk (K.I. numri 80811(L) u 75269M rispettivament)**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2015**

Il-Qorti;

***"Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici presentat fil-5 ta' Jannar, 2016, fejn gie premess:***

*1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

*2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija esponenti u hadu minghandha self biex ihallsu debitu ta' terzi, ossija A. Baran Ltd.;*

*3. Illi s-self kien jikkonsisti f'House Equity Loan ta' tnejn u disghin elf Euro (€92,000) li nghata ai termini ta' Credit Agreement datat 8 ta' Novembru 2011 (ara Dok. 'A') u kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Tiziana Maria Refalo fl-4 ta' Marzu 2013 (ara Dok. 'B');*

*4. Illi l-konvenut naqas milli jhallas lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanc dovut mill-konvenuti hu ta' hamsa u sebghin elf, sitt mija, tlieta u erbghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€75,643.55). Dan l-ammont jinkludi mghaxijiet ta' mitejn, tmienja u tletin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€238.23), kalkulati sal-10 ta' Novembru 2015 u jikkoncerna Loan Account numru 228508.71.001 (ara Dok. 'C');*

*5. Illi l-ammont fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-konvenut lill-kumpannija esponenti ai termini t'artikolu 11(o) tal-Credit Agreement gja citat u dan, ghax kif jistipula dan l-istess Artikolu, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*6. Illi in oltre, l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija esponenti Credit Card bin-numru 4196.7960.0009.2147 (ara Dok. 'D'). Fuq din il-Credit Card, hemm dovuti mill-konvenuti, mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€127.53) u jinkludu mghaxijiet ta' erbghin centezmu (€0.40), kalkulati sal-10 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'E');*

*7. Illi kwantu l-Credit Card, l-ammont sar dovut ai termini tal-Artikolu 11 tal-Credit Agreement datat 5 t'April 2013 u relattiv ghall-istess Credit Card (ara Dok. 'F');*

*8. Illi mal-kumpannija esponenti, l-konvenuti ghandhom ukoll Current Account bin-numru 228508.10.001 (ara Dok. 'G'). Fuq dan il-kont, hemm dovuti mill-konvenuti, tmien mija, u tmienja u tmenin Euro u sebghin centezmu (€888.70) fi spejjez relatati mad-dejn fuq imsemmi u li jinkludu mghaxijiet ta' disat Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9.28), kalkulati sal-10 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'H');*

*9. Illi l-ammont fuq il-Current Account fuq imsemmi, sar dovut ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'I') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'J') marbuta mal-istess Current Account;*

*10. Illi in vista tas-suespost l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti sal-10 ta' Novembru 2015, kien ta' sitta u sebghin elf, sitt mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€76,659.78);*

*11. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra ufficjali numru 3295/2015 datata 1 ta' Ottubru 2015 (ara Dok. 'K'), izda dawn baqghu inadempjenti;*

*12. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti;*

*13. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €76,659.78; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €76,659.78,*

*Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mill-10 ta' Novembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini:*

*1. tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'L') relattivi ghall-House Equity Loan fuq imsemmiha; u*

*2. tal-Credit Agreement markat Dok. 'F' imsemmi aktar 'l fuq u t Tariff of Charges (ara Dok. 'M') relattivi ghall-Credit Card; u*

*3. tat-Terms and Conditions u l-Conditions of Use, rispettivament markati Dok. 'I' u Dok. 'J' u msemmija aktar 'l fuq u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'N') relattivi ghall-Current Account.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu:*

*1. bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account fuq imsemmi u dan ai termini t'artikli 5 u 11(q) tal- Credit Agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq; u*

*2. bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Credit Card fuq imsemmiha*

***u dan ai termini t'Artikolu 4 tal-Credit Agreement markat Dok. 'F' u msemmi aktar 'l fuq; u***

***3. bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan ai termini tat-Tariff of Charges relattivi fuq imsemmija (ara marker bl-ahdar fuq Dok. 'N').***

***Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenuti".***

Rat illi l-konvenuti waqt is-smiegh u assistiti mill-avukat taghhom ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors mahluf;

Ghalhekk mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-rikors mahluf tirrizulta pruvata:

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti filwaqt li tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank kif dedotti fir-rikors mahluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma kif ridotta b'sehh skond kif imsemmi fir-rikors mahluf sal-jum tal-hlas effettiv.

Moqrija,

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur